# Il-Mulej il-Mistrieħ ta' Ruħna
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Awwissu 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Dawl minn dawl, u dija safja
tal-Missier u l-glorja tiegħu,
int tad-dawl il-għajn u l-bidu,
int il-jum li l-jum iddawwal.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Iddi, Xemx tassew, fuq ruħna
lejl u nhar bil-bjuda tiegħek;
ixħet ġewwa fina r-raġġi
tal-Ispirtu, dawl ħajjitna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Deh, wettaqna f'kulma nagħmlu,
biex quddiemek ngħixu safja,
b'fidi mħeġġa w tama sħiħa,
qawwijin fl-imħabba tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kun int, Kristu, l-ikel tagħna,
tkun il-fidi x-xorb ta' ruħna,
biex matul il-jum insibu
għajn ta' ferħ fl-Ispirtu s-Santu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja 'l Alla, 'l-Missier tagħna;
tifħir lilek, Kristu Sidna;
jitla' r-radd ta' ħajr minn qalbna
lill-Ispirtu li ġej minnkom. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Barra ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi fil-parroċċi u l-knejjes tagħna, matul dawn il-ġimgħat iċċelebrajna u se nkomplu niċċelebraw diversi qaddisin li, f'dan iż-żmien imsejjaħ ta' Matul is-Sena, ifakkruna li anke fil-ġranet ordinarji l-Mulej jibqa' jaħdem, u jaħdem ukoll permezz ta' bnedmin bħalna biex permezz tagħhom, ukoll jekk fis-skiet u s-satra, iseħħu għeġubijiet kbar ta' grazzja. Persuni ordinarji fi żminijiet ordinarji imma li jsiru persuni straordinarji fix-xebh tagħhom mal-Mulej għax iħallu l-ordinarju jinbidel fi żmien ta' grazzja, mument ta' laqgħa ... anzi, huma stess isiru l-pont tal-laqgħa tal-bniedem ma' Alla. Donnhom bħal

Mosè li, meta jinżel għand il-poplu u jwassallu l-kelma li rċieva fil-laqgħa intima tiegħu ma’ Alla, anke jekk Mosè ma jindunax, wiċċu kien jiddi bid-dija tas-sema, b’dik id-dija ta’ wiċċu li Alla ried iwassalha lill-poplu permezz tal-qaddej tiegħu Mosè (ara Eż 34, 29-35).
Għaldaqstant, ejjew f’dan il-ħin ta’ adorazzjoni, bħal Marta, Marija, u Lazzru, nilqgħu lill-Mulej għandna u nħalluh jilqagħna għandu; inħalluh ikun għalina kemm il-mistieden kif ukoll is-sid tad-dar u l-mejda. Ejjew bħal Marta nippreżentawlu t-taħbit tagħna u noffruhulu. Ma’ Lazzru, ejjew inħalluh jagħtina l-ħajja mill-ġdid. Flimkien ma’ Marija nidilkulu riġlejh biż-żejt ifuħ tal-qima tagħna li tiswiena ħafna: ħafna taħbit biex insibu l-ħin; ħafna taħbit biex nikkwitaw u nibqgħu fis-skiet; ħafna taħbit mal-jien tagħna li ma jsibhiex faċli li jitbaxxa quddiem ħaddieħor, saħansitra anke quddiem Alla.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (12, 1-3)
Sitt ijiem qabel il-festa tal-Għid Ġesù mar Betanja, fejn kien joqgħod Lazzru li Ġesù kien qajjem mill-imwiet. Hemmhekk għamlulu ikla; Marta bdiet isservi, waqt li Lazzru kien wieħed minn dawk li qagħdu fuq il-mejda ma’ Ġesù. Marija ħadet libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna, u dilket biha riġlejn Ġesù, imbagħad ixxuttathomlu b’xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

Is-soltu mdorrijin nisimgħu lilek, Mulej Ġesù, tgħidilna, “Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom” (Mt 11, 28). Imma f’dan l-episodju naraw lilek tfittex ospitalità u akkoljenza għand il-bnedmin. U għalfejn niskantaw! Wara kollox, meta kien hemm dixxiplu li ried jimxi warajk hekk kif dawwart ħarstek lejn Ġerusalemm, int mill-ewwel għedtlu li, anke jekk l-għasafar għandhom il-bejtiet u l-volpijiet għandhom l-għerien, Bin il-bniedem m’għandux fejn imidd rasu (Lq 9, 58).
U, kif ninsabu f’dan iż-żmien fejn, irridu jew ma rridux, ir-ritmu xi ftit jikkalma għax anke l-istess sħana teqridna u tħallina bla saħħa, u ħafna jieħdu żmien ta’ vaganzi, u anke qegħdin f’din is-sena tal-Ġublew li l-għeruq bibliċi tagħha juruna li hija sena li fiha l-bniedem u l-art jieħdu l-mistrieħ tagħhom biex jieħdu r-ruħ u jiġġeddu, aħna wkoll qed nieqfu quddiemek u nħalluk tgħallimna xi tfisser tassew li tistrieħ u ssib il-mistrieħ.
Din kienet l-aħħar dar u familja li tassew laqgħatek qabel ma seħħew il-ġrajjiet il-kbar tal-fidwa tagħna. Kienet l-aħħar esperjenza ta’ mistrieħ tassew qabel dak il-lejl bla rqad u bla mistrieħ, lejl ta’ umiljazzjonijiet, kalunji, qerq, u żeblieħ. L-aħħar ħin ta’ paċi u trankwillità—l-aħħar togħma tal-ġenna—qabel dħalt fit-tiġrib il-kbir li wasslek sal-estrem tal-abbandun, ta’ dak li hu kważi għal kollox

bil-kontra tal-ġenna: it-toqol kollu minn wara t-tkeċċija tal-bniedem mill-ġnejna tal-ġenna tal-art sat-twaqqif definittiv tal-ħakma setgħana tiegħek fuq is-salib li għad trid tilħaq il-milja meta kollox għad jitpoġġa taħtek, kulma hu fl-art u kulma hu fis-sema.

Madankollu, minkejja li kont taf bejn wieħed u ieħor x'hemm jistennik fil-belt—l-istess xorti li messet lill-profeti tal-qedem u l-mibgħutin l-oħra ta' Alla—xorta waħda inti tieħu dan il-mistrieħ fid-dar ta' Marta li, bħal dejjem, kienet medhija tħabrek, imma issa tgħallmet taqdi wkoll għax tgħallmet tagħmel l-għażla ta' Marija li, anke jekk imħabbta, taf li qed taqdi lilek; dak li qed tagħmel qed tagħmlu għalik, bi mħabba profonda għalik. Hemmhekk fittixt u sibt il-mistrieħ ta' toqol qalbek fil-kumpanija ta' Lazzru, bniedem li qabel is-siegħa tiegħek ħtaftu minn ħalq il-mewt u raddejtlu l-istess ħajja li kellu, u hekk isir xbieha tal-milja tal-ħajja li għaliha kont għadek se tqum int wara l-mewta kiefra fuq il-golgota, u miegħek tqajjem lilna wkoll. Hemmhekk ilqajt il-ġest ġeneruż u gratwit ta' Marija għax l-imħabba tilqa' l-imħabba u l-imħabba ġenwina, mogħtija b'xejn, toffri mistrieħ, tagħti wens.

Mulej Ġesù, hekk kif ninsabu mistrieħa quddiemek u int mistrieħ fina, għallimna kif tassew noffrulek mistrieħ hekk kif tinsab imġarrab f'ħutna miġrugħa. U għallimna wkoll inħallu lilna nfusna nsibu l-mistrieħ tagħna biss fik, u nħallu rwieħ twajba madwarna jdewquna mill-mistrieħ tiegħek bil-ġesti ċkejkna ta' mħabba tagħhom.

## Innu Ewkaristiku

Inkomplu nqimu lill-Mulej permezz ta' Salm 3, salm ta' mistrieħ fil-Mulej. Talba paradossali ta' mistrieħ u qawmien. F'dan is-Salm, meqjus ta' David meta kien qiegħed jaħrab mir-rewwixta ta' ibnu Absalom kontrih, is-salmista jpoġġi l-hemm u l-qtigħ il-qalb tiegħu quddiem il-Mulej. Minn banda jesprimi l-fiduċja tiegħu f'Alla f'termini ta' mistrieħ u rqad, imma mill-banda l-oħra lil Alla jokroblu biex iqum u jsalvah. Hija t-taqbida tagħna wkoll bejn il-fiduċja fil-Mulej u l-manija tal-kontroll; bejn ix-xewqa li tassew insibu l-mistrieħ tagħna fih u l-frustrazzjoni tagħna bil-Mulej li donnu jibqa' rieqed. Ejjew għalhekk, b'din ix-xewqa ġenwina ta' mistrieħ li mhuwiex mistrieħ kwalunkwe jew ħelsien minn sitwazzjoni ta' toqol, imma mistrieħ proprju fil-Mulej li hu dejjem preżenti magħna, billi nwieġbu flimkien: ***Int, Mulej, hu dak li jżommni.***

(Salm 3, 2-3. 4-5. 6-7. 8-9)

Kemm kotru, Mulej, l-għedewwa tiegħi!
Ħafna huma dawk li qamu għalija;
ħafna huma dawk li jgħidu fuqi:
"M'hemmx salvazzjoni għalih f'Alla!" *R/.*

Imm'int, Mulej, tarka madwari,
inti l-ġieħ tiegħi, int terfagħli rasi.

Jien b'leħen għoli l-Mulej insejjaħ;
hu jweġibni mill-għolja mqaddsa tiegħu. *R/.*

Immur nimtedd u norqod,
u nqum, għax il-Mulej iżommni.
Ma nibżax minn poplu sħiħ
li jinġema' madwari kontrija. *R/.*

Qum, Mulej, salvani, Alla tiegħi!
Int tajt bil-ħarta lill-għedewwa tiegħi kollha,
lill-ħżiena kissirtilhom snienhom.
Tiegħek, Mulej, ir-rebħa;
il-barka tiegħek fuq il-poplu tiegħek. *R/.*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Qaddis ieħor li fakkarna dal-ġranet—Sant'Injazju ta' Loyola—jipproponi din it-talba fil-meditazzjoni tiegħu sabiex tinkiseb il-grazzja li nħobbu bħal Alla:

> Ħu, Mulej, u ilqa' l-libertà tiegħi kollha, il-memorja tiegħi, id-dehen tiegħi u r-rieda kollha tiegħi. Kulma għandi u kulma hu tiegħi dan kollu Int tajtuli. Lilek, Mulej, irroddu. Kollox hu tiegħek. Agħmel minnu għal kollox kif trid Int. Lili agħtini mħabbtek u l-grazzja tiegħek. Din biżżejjed għalija. Ammen.

B'dan l-istess nar ta' mħabba jaqbad għal Kristu ta' Sant'Injazju, ejjew bil-libertà sħiħa tagħna nduru lejn il-Mulej Ġesù u noffrulu t-talbiet tagħna.

- Ħu, Mulej, u ilqa' l-libertà ta' dawk kollha li jixtiequ joffrulek id-don tal-ħajja li tajthom biex jaqduk fil-Knisja tiegħek u fl-aħwa fil-bżonn. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' l-memorja tagħna, b'dak kollu li hu sabiħ u b'dak kollu li hu mudlam u roddhielna imfejqa. Ilqa' l-memorja kollettiva tal-ġemgħa tul is-sekli u wassalhielna safja għax tnixxi mit-tifkira għażiża tal-isem tiegħek. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' d-dehen ta' dawk li jaħsbu skont il-ġustizzja u s-sewwa, dawk li jfittxu li jifhmu aħjar il-ħolqien tiegħek u l-preżenza tal-bniedem bħala l-kuruna tiegħu u parti integrali minnu, skont il-pjan tiegħek. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' r-rieda tajba ta' dawk kollha li jfittxu l-paċi għax tagħhom hija s-Saltna ta' Smewwiet, u seddaq bl-istess rieda lil dawk li qalbhom għadha mwebbsa mill-mibegħda u l-arroganza. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' l-ħin tagħna sabiex tbattlu minn dak li hu żejjed jew fieragħ ħalli dejjem insibu ħin biex inħarsu lejk waqt li inti tħares lejna, u wkoll biex nieqfu u nħarsu f'għajnejn ħutna u naqraw dak li qed iġorru fil-qiegħ ta' ruħhom. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' dan it-talb fqajjar li qed irressqulek b'konvinzjoni li qalbna qatt ma tista' ssib il-mistrieħ jekk mhux fik. Nitolbu.

- Ħu, Mulej, u ilqa' kulma aħna sabiex, proprju bil-faqar tagħna, inti tkun tista' toffri mistrieħ lil tant qlub imtaqqla jew mitlufa fil-vjaġġ tal-ħajja. Nitolbu.

Mulej Ġesù, mill-ġdid intennulek: ħu u ilqa' l-libertà kollha tagħna, il-memorja tagħna, id-dehen tagħna u r-rieda kollha tagħna. Kulma għandna u kulma hu tagħna dan kollu int tajtulna. Lilek, Mulej, irrodduh. Kollox hu tiegħek. Agħmel minnu għal kollox kif trid Int. Lilna agħtina mħabbtek u l-grazzja tiegħek. Dan biżżejjed għalina. Ammen.

## Barka Sagramentali